MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 765/2008

**Aquatess Marketing Limited (C 33435)**

**vs**

**John Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta Ottubru 2008, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro1,357.62c rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma hrug ta' cheque anness bhala Dokument ittra "A" li baqa ma giex onorat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 24 ta' Gunju 2005 u ta' l-ittra legali datata 18 ta Settembru 2006 u bl-imghax ta' 8 % fuq Euro1,397.62c mill-24 ta' Gunju 2005 sal-hlas effettiv, inkluz Euro23.29c ta' konsult kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-25 ta Gunju 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti kif ukoll il-fatt li l-ammont rejalment mitlub huwa dak ta' Euro1,397.62c kif indikat korrettement fil-korp tal-avviz u rifless fid-dokument markat Dok A u mhux kif imnizzel erronjament fuq l-ewwel faccata ta l-istess talba;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta Euro1,397.62c (elf tlett mija u sebgha u disghin ewro u tnejn u sittin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-24 ta Gunju 2005 u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------